Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre

Tletin (30) ta' April elf disgha mija hamsa u tmenin (1985).

Quddiemi Nutar Dottor Michael Refalo qed jidhru personalment wara li identifikaw ruhhom skond il ligi:-

Minn naha l-wahda:

Joseph Attard, kuntrattur, bin il mejtin Carmelo u Giuseppa nee' Grima imwieled u joqghod Xewkija, Gozo: Karta tal Identita' numru 73834(G) li qed jidher fuq dana l-att f'isem u ghan nom tal Kumpanija "J.C.R. Limited".

U minn naha l-ohra:

Carmelo Pace haddiem fil-gebel, bin Michelangelo u Silvia nee' Sultana imwieled u joqghod Kercem, Gozo: Karta tal Identita' numru 27754(G).

Bis s ahhta' dana l-att il komparenti Joseph Attard nomine qed ibiegh u jittrasferixxi lill komparemti Carmelo Pace li jaccetta, jixtri u jakkwiwta il plot markata "O" mill art imsejjah "Ta' Ciangura" limiti Kercem, Gozo tal kejl tal circa mitejn u erbgha u ghoxrin metri kwadri (224 sq.m.) u li hija avamposta maghha tal kejl ta' circa tlieta u tletin metri kwadri (33 sq.m.) li hija intiza ghall formazzjoni ta' nofs it triq avamposta l-istess plot u konfinanti mit tramuntana beni tal venditur, nofsinhar beni tal kompratur u punent ma' triq gdida bla isem li tinfed ghall Saint Paul's Fief Street, bid drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha libera u franka u indikatta ahjar fuq l-annessa pjanta markata "B".

Dana l-bejgh qed isir u qed jigi accettat bil prezz ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) li qed jithallsu hawn presenzjalment

ANTHONY HILTON Notary Public and Commissioner for Oaths MALTA

Firma ta' l-applikant

JU BISS

Kummissarju ta' l-Artijiet

u tithalla d-debita ricevuta skond il ligi fuq dana l-att.

Il venditur nomine jiggarantixxi dana l-bejgh skond il ligi u biex jaghmel tajjeb ghall dan jipoteka l-beni tieghu kollha in generali prezenti u futuri favur il kompratur li jaccetta.

Ghall finijiet tal Att dwar it Taxxa tal Mewt u tad Donazzjoni tas sena elf disgha mija tlieta u sebghin (1973) jigi dikjarat illi l-art trasferita tofforma parti minn art akbar li giet akkwistata mill venditur b'titolu onerus b'att tieghi tal erbatax (14) ta' Settembru elf disgha mija tnejn u tmenin (1982).

Ghar raguni fuq esposta jiena Nutar hawn taht iffirmat niddikjara illi t-trasferi- mhu soggett ghad-dispozizzjonijiet tal imssmmi Att.

Ghall finijiet tal Att XVIII. 1982 (Tmintax tal elf disgha mija tnejn u tmenin) qed jigi ammess il permess tal Kummssarju tal Art markat "C".

Dana l-att huwa soggett ghall sebgha liri Maltin u tmenin centezmu (Lm7.80,0) taxxa " ad valor

Maghmul, moqri u ippublikat wara d-debita cerzjorazzjoni f'Victoria, Gozo, Palm Street, numru erbghin ufficcju numru wiehd (40/1).

(FTI) J. Attard
C. Pace
Dr. Michael, Refalo,
Nutar Pubbliku, Malta

TRUE COPY OF THE ORIGINAL
AND ATTESTOR

Dr. ANTHONY HILL LL.D.
Notary Public and Commissioner for Oaths
~ MALTA ~